**Qorti tal-Maġistrati (malta)**
**Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)**

Illum, 29 ta’ Lulju 2022

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**
**(Spett. Leeroy Balzan Engerer)**

**vs**

**Sonia Mahouachi (K.I. 519394M)**
**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat **Sonia Mahouaci** bint Doreen Galea u missier mhux magħruf, residenti Victoria, Fl 5A, Triq il-Ħġejjeġ, San Pawl il-Baħar, detentriċi tal-Karta tal-Identità 519394M, imwielda nhar id-dsatax (19) ta’ Novembru 1994, u akkużata talli:

1. Flimkien ma *omissis*, talli nhar it-tnejn u għoxrin (28) ta' April 2019, għall-ħabta tal-ħdax u għaxra ta' filgħodu (11:10hrs), mill-istabbiliment Adidas Baystreet li jinsab ġewwa Triq Santu Wistin, San Ġiljan, ikkommettejtu serq ta' ħwejjeġ li l-ammont huwa inqas minn mitejn ewro (€200) u wrejtu dan il-ħsieb b'atti esterni u tajtu bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipedenti mill-volontà tagħkom;

2. Flimkien ma *omissis*, talli bejn id-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena 2019 u l-ebrgħa u għoxrin (24) ta' Mejju tas-sena 2019, f'ħinijiet diversi, mir-residenza li qed tinbena li ġġib l-isem ta' 64, Dale Apts, Flat 4, Triq il-Kbira ġewwa l-Mellieħa, ikkommettejtu serq ta' wires tad-dawl li l-ammont huwa iktar minn mitejn ewro (€200) imma inqas minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu u dan b'detriment lil Jonathan Gauci, liema serq hu aggravat bil-valur;

3. Flimkien ma *omissis* talli bejn is-sbatax (17) ta' Ġunju tas-sena 2019 u t-tmintax (18) ta' Lulju tas-sena 2019, f'ħinijiet diversi, mill-istabbiliment Kiabi li jinsab fi Triq Burmarrad, San Pawl il-Baħar, ikkommettejtu serq ta' diversi ħwejjeġ li l-ammont m'huwiex aktar minn mitejn Ewro (€200) u dan b'detriment lil kumpanija Hudson International;

4. Flimkien ma *omissis* talli nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Ġunju tas-sena 2019, għall-ħabta tad-disgħa ta' filgħodu minn ġewwa Triq Ġorġ Borg Olivier, San Ġiljan, ikkomettejtu serq ta' tlett ċilindri tal-gass vojta, li l-ammont m'huwiex iktar minn mitejn Ewro (€200) u dan b'detriment lil Carl Francis Vassallo;

5. Flimkien ma *omissis* talli nhar il-ħamsa (5) ta' Lulju 2019 bejn l-għaxra ta' filgħaxija (22:00hrs) u l-ħdax nieqes kwart ta' filgħaxija (22:45hrs) minn ġewwa garaxx li jinsab ġewwa 133, Triq l-għoljiet, Mellieħa, ikkommettejtu serq ta' brace tal-kulur maroon li l-ammont m'huwiex aktar minn mitejn ewro (€200) u dan b'detriment lil Carmel Cauchi, liema serq hu aggravat bil-ħin u bil-lok;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' ħtija minn barra li tinfliġġi piena stabbilit mill-liġi, tordna lill-imsemmija persuni sabiex iħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti, jekk ikun il-każ, kif pruvat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2019, Sonia Mahouaci u omissis wieġbu li m'humiex ħatja tal-akkużi dedotti kontra tagħhom;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali datat l-10 ta' Lulju 2019 u anke n-nuqqas ta' oġġezzjoni tagħha sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat illi Sonia Mahouaci kienet assenti minn dawn il-proċeduri bejn it-18 ta' Ottubru 2019 u s-06 ta' Marzu 2010 u wkoll mill-12 ta' Ottubru 2021 sal-ġurnata tal-lum, primarjament minħabba diffikultajiet kbar li l-pulizija irriskontrat sabiex tinnotifika lill-istess;

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2021, il-Qorti ordnat is-separazzjoni tal-ġudizzju sabiex il-proċeduri kontra Sonia Mahouaci u kontra *Omissis* jiġu kondotti separatament;

Rat illi l-Pulizija irnexxielha tirrintraċċja lil Sonia Mahouaci fil-jiem li għaddew u li dehret quddiem dina l-Qorti fis-seduta tal-lum sabiex jissoktaw il-proċeduri fil-konfront tagħha;

Rat illi fis-seduta tal-lum, l-akkużata Sonia Mahouaci bidlet it-tweġiba tagħha għall-akkużi dedotti kontra tagħha u rreġistrat l-ammissjoni inkondizzjonata tagħha għalihom u, wara li l-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħatat żmien xieraq sabiex, jekk trid, terġa' lura minnha, hija ikkonfermat l-ammissjoni tagħha.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

L-akkużata, flimkien ma terza persuna, wettqet numru ta' serqiet żgħar minn diversi lokalitajiet f'Malta fuq medda ta' xhur bejn April u Lulju 2019. Il-Qorti semgħet li l-akkużata għandha problema tossiko dipendenti u li dawn is-serqiet għamlithom sabiex tkun tista' ssosstni l-vizzju li għandha. Il-Qorti tagħmilha ċara li ebda raġuni ta' dipendenza ma tista tiġġustifika l-ksur tal-liġi u li r-reati li hi ammettiet għalihom jolqtu direttament il-patrimonju ta' terzi innoċenti li m'għandhom ebda konnessjoni mal-vizzju tagħha.

Illi l-akkużata ammettiet l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tagħha u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tagħha, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużata ħatja tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tagħha kif minnha ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, u anke wara li semgħet is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni tad-difiża, il-Qorti tara li piena karċerarja effettiva hija l-aktar idonea fiċ-ċirkostanzi, anke' għaliex ħareġ pależement ċar li l-akkużata ma tixtieqx tibbenefika minn trattament ta' riabilitazzjoni għad-dipendenza tagħha.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 20, 31, 41, 261, 267, 269(g), 270, 279, 280, 281, 284 u 285, tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tagħha, qed

issib lil **Sonia Mahouaci** <u>**ħatja**</u> tal-akkużi kollha dedotti kontra tagħha u tikkundannaha għal piena ta' **seba' (7) xhur** priġunerija effettivi.

**Ft.Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**

**Maġistrat**

**Sharonne Borg**

**Deputat Reġistratur**